# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 13 ta' Mejju, 2024.**

**Numru 16**

**Rikors numru 196/23/1 JVC**

**Marcian Viorel Otan**

**v.**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

1. L-attur appella mis-sentenza li tat il-Qorti Ċivili, Prim'Awla fil-5 ta' Diċembru 2023.

2. Il-kawża titratta dwar Mandat ta' Arrest Ewropew tat-3 ta' Ġunju 2020 li nħareġ minn Qorti fir-Rumanija sabiex l-attur jinbagħat ir-

Rumanija sabiex jiskonta piena ta' ħabs. B'deċiżjoni tas-27 ta' Marzu 2023 il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Rimandanti ordnat li l-attur jintbagħat ir-Rumanija u l-arrest tiegħu pendenti l-proċeduri. L-attur appella u b'deċiżjoni li ngħatat fl-24 ta' April 2023 il-Qorti tal-Appell Kriminali, ċaħdet l-appell.

3. Imbagħad fl-14 ta' April, 2023 l-attur fetaħ din il-kawża u lmenta minn ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq quddiem il-Qorti fir-Rumanija u li jekk ser jintbagħat ir-Rumanija ser isofri minn trattament inuman u degradanti bi ksur tal-Art. 3 tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Irriżulta li Malta u r-Rumanija leħqu ftehim sabiex l-attur jiskonta s-sentenza karċerarja f'Malta.

4. B'sentenza tal-14 ta' Diċembru 2023 il-Qorti Ċivili, Prim'Awla ċaħdet it-talbiet relatati mal-ksur tal-jedd fundamentali għal smigħ xieraq. Iddikjarat li t-tielet talba, relatata mal-allegazzjoni li ser jinkiser il-jedd fundamentali protett taħt l-Art. 3 tal-Konvenzjoni jekk jintbagħat ir-Rumanija, hi sorvolata għaliex sar ftehim bejn l-Istati sabiex l-attur jiskonta l-piena karċerarja f'Malta. Ħassret ukoll l-effetti tal-mandat ta' arrest Ewropew fil-parti li ordnat li l-attur jintbagħat ir-Rumanija.

5. B'rikors preżentat fil-5 ta' Jannar 2024 l-attur appella mis-sentenza. Ilmenta dwar dik il-parti tad-deċiżjoni li titratta l-ilment tiegħu relatat mal-Art. 3 tal-Konvenzjoni. Isostni li ressaq biżżejjed provi li jekk jintbagħat ir-Rumanija kien ser isofri minn trattament inuman u degradanti. Żied li l-ftehim bejn Malta u r-Rumanija ma jġibx fix-xejn l-ilment tiegħu. Insista li l-Ewwel Qorti kellha tillimita d-deċiżjoni dwar jekk l-attur kellux jintbagħat ir-Rumanija. Kompla li ladarba l-Ewwel Qorti ħassret il-mandat ma kienx għad fadal bażi sabiex jinżamm arrestat.

6. B'risposta tas-16 ta' Jannar 2024 il-konvenuti wieġbu, u fl-ewwel lok taw l-eċċezzjoni li l-appell hu null għaliex preżentat tard.

7. Skont regolament 4(2) tal-Liġi Sussidjarja 12.09, appell bħal dak li ippreżenta l-attur kellu jiġi ippreżentat fi żmien għoxrin jum mis-sentenza appellata (ara sentenza ta' din il-Qorti, Eugenio Camenzuli et v. Moses Zammit tal-25 ta' Jannar 2023). Għalhekk l-attur kellu jippreżenta l-appell sat-3 ta' Jannar 2024.

8. Peress li l-appell ippreżentah il-Ġimgħa, 5 ta' Jannar 2024 hu evidenti li sar *fuori termine* u għalhekk hu null.

Deċiżjoni.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni preliminari tal-konvenuti u tiddikjara l-appell null. Spejjeż a karigu tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da